**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**
**L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA**
Frar 2018

IL-ĦAMES SENA | IL-MALTI (IL-FEHIM MIS-SMIGĦ) | IL- ĦIN: 30 minuta

# IL-KARTA TAL-GĦALLIEMA

## Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ

1. Qassam il-karti bil-mistoqsijiet u itlob lit-tfal jiktbu isimhom, kunjomhom u l-klassi.
2. Aqra l-iskript bil-mod u b'leħen ċar kemm tista'.
3. L-iskript **aqrah darbtejn**, kwarta kull darba.

***Tfal, tistgħu tibdew taqraw il-mistoqsijiet f'qalbkom. Għandkom 5 minuti. Tiktbu xejn.***

(Wara 5 minuti)

***Issa se nisimgħu s-silta bl-isem 'Id-Dudu B'aktar Minn Ħamsin Sieq'. Isimgħu sew għax wara tridu twieġbu xi mistoqsijiet. Is-silta u l-mistoqsijiet se naqrahomlkom darba, nagħtikom iċ-ċans twieġbu, u wara nerġa' naqralkom is-silta u l-mistoqsijiet għat-tieni darba. Waqt li qed tisimgħu din is-silta, tistgħu tibdew twieġbu l-mistoqsijiet. Fl-istess ħin, iżda, ibqgħu attenti għal dak li qegħdin tisimgħu.***
***Se nibdew.***

## Id-Dudu B'aktar Minn Ħamsin Sieq

Darba kien hemm dudu twil. Kellu iktar minn ħamsin sieq. Jum minnhom xiref mit-toqba li kellu fil-ħamrija, ħares 'il bogħod u lemaħ siġra kbira b'xi frott aħmar fuqha. Għalhekk iddeċieda li jibda jimxi u jara fejn jasal. Mexa u mexa, u tgħidx kemm ħaxwex il-weraq niexef taħt saqajh. Meta fl-aħħar wasal taħt is-siġra, qiegħed l-ewwel għaxar saqajn maz-zokk oħxon tagħha u beda tiela' sakemm saqajh kollha kienu mqabbdin sewwa mas-siġra.

Id-dudu ta' iktar minn ħamsin sieq ħares 'il fuq u ġibed lejn il-lemin. Lemaħ frotta ħamra tonda, tleqq u kbira. Għadda minn bejn il-friegħi u l-weraq tas-siġra sakemm wasal ħdejn il-frotta u nduna li kienet tuffieħa. Tela' fuqha bi ftit sforz u xammha ħa jara kinitx tajba għalih. Għoġbitu u beda jigdem il-qoxra tleqq u ħamra tagħha. Ħaffer toqba żgħira, u kiel kemm felaħ sakemm sab il-qalba. Issa żaqqu kienet mimlija, għalhekk waqaf u ħa nagħsa.

Kien iż-żmien meta sid is-siġar jibda jaqta' l-frott. Qata' u qata' sakemm wasal biex qata' t-tuffieħa li fiha kien hemm rieqed id-dudu ta' ħafna saqajn. Ir-raġel tefa' t-tuffieħa ġo kaxxa tal-injam, ma' bosta tuffiħat oħra. Ftit ta kas x'kien qed iseħħ madwaru d-dudu ta' iktar minn ħamsin sieq.

Wara nofs ta' nhar sħiħ ta' ħidma, il-bidwi għabba l-kaxex tal-frott fuq trakk u beda jqassamhom fil-ħwienet tal-ħaxix u l-frott. Il-kaxxa tat-tuffieħ li fiha kien hemm id-dudu sabet ruħha fil-ħanut ta' Xmun tal-ħaxix. Id-dudu tgħidx kemm sema' ħsejjes u kliem madwaru u xi drabi kien iħoss ċaqliq kbir. Kienet tkun xi mara li tkun qed tqalleb fil-kaxxa tat-tuffieħ biex tagħżel dawk li għaliha jidhru l-isbaħ u l-itjeb.

Wasal il-waqt meta t-tuffieħa tad-dudu ta' iktar minn ħamsin sieq għażlitha Lisa, flimkien ma' nofs tużżana tuffiħat oħra. Kif waslet id-dar, Lisa qegħdet il-frott ġo bieqja mlewna qrib tieqa. Ftit wara wasal iben Lisa ta' tliet snin, Samwel, u wara li tela' fuq banketta ċkejkna, qabad tuffieħa mill-bieqja. Kif kien se jigdimha, waqqfitu ommu u qaltlu, "L-ewwel jeħtieġ li t-tuffieħa tinħasel u titqaxxar". Hekk għamlet Lisa. Hekk kif kienet se taqsam it-tuffieħa fi tnejn, Lisa ndunat li l-frotta kellha toqba fonda fiha. U mnalla, għax kieku d-dudu ta' iktar minn ħamsin sieq kien jispiċċa maqsum fi tnejn.

Lisa kienet tħobb kull tip ta' annimal, sal-iċken ħlejqa. Qabdet id-dudu ta' ħamsin sieq u qegħditu ġo ħawt mimli ħamrija li kellha fil-bitħa, fuq werqa ħadra u kbira. Samwel kien ferħan li d-dudu ma weġġax u qagħad iħares lejh waqt li jgerrem il-biċċiet tat-tuffieħa li kienet tatu ommu. Imbagħad lil Samwel ġietu idea. Talab lil ommu ġġib il-qxur tat-tuffieħa u titfagħhom fil-ħawt fejn kien hemm id-dudu. Hekk kemm iċ-ċkejken Samwel, kif ukoll id-dudu ta' iktar minn ħamsin sieq kienu kuntenti!

***(Addattata mill-kitba ta' Patrick Sammut)***

*Issa li smajtu s-silta, se naqralkom il-mistoqsijiet. Waqt li qed naqralkom il-mistoqsijiet tistgħu tibdew taħdmu t-tweġibiet.*
*Mela, issa se naqralkom Taħriġ A. Immarka t-tweġiba t-tajba.*

**Taħriġ A**: Immarka (✓) fil-kaxxa t-tajba. (12-il marka)

1. Id-dudu kellu

| | | |
|---|---|---|
| a) | ħamsin sieq. | |
| b) | erbgħin sieq. | |
| ċ) | iktar minn ħamsin sieq. | |
| d) | sittin sieq. | |

2. Id-dudu tela' ma'

| | | |
|---|---|---|
| a) | fergħa. | |
| b) | werqa. | |
| ċ) | zokk oħxon. | |
| d) | tuffieħa. | |

3. Id-dudu

| | | |
|---|---|---|
| a) | ħaffer toqba żgħira, u ma kielx ħafna. | |
| b) | ħaffer toqba żgħira, u kiel kemm felaħ. | |
| ċ) | waqa' minn fuq is-siġra u spiċċa b'xejn. | |
| d) | kiel it-tuffieħa kollha u ħarab jiġri. | |

4. Il-kaxex tal-frott tgħabbew

| | | |
|---|---|---|
| a) | fuq trakk. | |
| b) | fuq karettun. | |
| ċ) | fuq l-idejn. | |
| d) | ġo karozza. | |

5. Wara li lesta, il-bidwi

| | | |
|---|---|---|
| a) | mar jorqod kmieni. | |
| b) | ħa l-frott kollu l-pitkalija. | |
| ċ) | qassamhom fil-ħwienet tal-ħaxix u l-frott. | |
| d) | żamm il-frott għalih u kielu kollu. | |

6. Id-dudu spiċċa

| | | |
|---|---|---|
| a) | għand Xmun tal-ħaxix. | |
| b) | ġo supermarkit. | |
| ċ) | għand tal-merċa. | |
| d) | fil-ħamrija. | |

7. **Xiref** tfisser

| | | |
|---|---|---|
| a) | daħal. | |
| b) | ħareġ. | |
| ċ) | telaq. | |
| d) | taqqab. | |

8. Lisa qegħdet il-frott

| | | |
|---|---|---|
| a) | ġo borża. | |
| b) | ġo kaxxa. | |
| ċ) | ġo bieqja mlewna. | |
| d) | taħt it-taraġ. | |

9. **Bieqja** tfisser

| | | |
|---|---|---|
| a) | tazza. | |
| b) | borma. | |
| ċ) | platt ċatt. | |
| d) | fruttiera. | |

10. Samwel, it-tifel ta' Lisa,

| | | |
|---|---|---|
| a) | laħaq gidem it-tuffieħa. | |
| b) | nduna bid-dudu. | |
| ċ) | ma laħaqx gidem it-tuffieħa. | |
| d) | rema t-tuffieħa. | |

11. Lisa

| | | |
|---|---|---|
| a) | ma kinitx tħobb l-annimali. | |
| b) | kienet tħobb l-annimali kollha. | |
| ċ) | kienet tħobb l-annimali żgħar biss. | |
| d) | kienet tħobb l-annimali kbar biss. | |

12. Id-dudu spiċċa

| | | |
|---|---|---|
| a) | ġol-ġnien. | |
| b) | fl-għalqa. | |
| ċ) | ġo ħawt. | |
| d) | maqsum fi tnejn. | |

***

*Issa se ngħaddu għal Taħriġ B.*
*Immarkaw t-tweġiba t-tajba billi tagħmlu sinjal fil-kaxxa t-tajba.*

**Taħriġ B**: Immarka (✓) fil-kaxxa **VERU** jew **FALZ** (6 marki)

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| 13. | Id-dudu kien qasir ħafna. | | |
| 14. | Id-dudu ħaffer toqba ġo tuffieħa. | | |
| 15. | Ir-raġel ma qatax it-tuffieħa li fiha kien hemm id-dudu. | | |
| 16. | Waħda mara bdiet tqalleb il-kaxxa biex tagħżel l-isbaħ. | | |
| 17. | Lisa xtrat tużżana tuffieħ. | | |
| 18. | Fl-aħħar Samwel u d-dudu ma kinux kuntenti. | | |

***

*Issa se ngħaddu għal Taħriġ Ċ.*

**Taħriġ Ċ**: Aqta' sing taħt it-tajba. (2 marki)

19. Qabel nieklu l-frott irridu (nimsħuh, naħsluh, nixxuttawh).

20. L-annimali wkoll għandhom dritt li (jgħixu u jkunu kuntenti, jinħaqru, jitgħallmu jaqraw).

**TMIEM IL-KARTA**